**4 ta' Diċembru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (His.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Emanuel Briffa

*versus*

Anthony Abela *noe et noe*

## Qbiela - Rinunzja ta' - Ċessjoni ta'

*L-attur aġixxa għaliex ippretenda illi skrittura ta' rinunzja ta' gabillot kienet effettivament ċessjoni favur tiegħu.*

*Il-Qorti ta' l-Appell filwaqt illi kkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti sabet illi l-iskrittura kienet biss rinunzja bix-xewqa tar-rinunzjant illi l-għalqa tiġi mqabbla lill-attur u mhux ċessjoni favur tiegħu.*

Il-Qorti:-

B'ċitazzjoni fl-ismijiet suindikati, l-attur, wara li ppremetta illi l-għalqa ġewwa tal-Hmieri, limiti ta' Ħaż Żebbuġ, li qabel kienet tal-Kurja Arċiveskovili ta' Malta u wara saret tal-*Joint Office*, kienet imqabbla lil ċertu Carmelo Grech. Ftit qabel ma miet dan Carmelo Grech kien "irrinunzja għall-qbiela fuq l-istess għalqa a favur ta' l-esponent, iżda, wara l-mewt ta' Carmelo Grech, l-esponent sab illi din l-istess għalqa reġgħet kienet ġiet assoġġettata għal rinunzja oħra a favur tal-konvenuti Pawlu u Joe aħwa Camilleri mingħand l-imsemmi Carmelo Grech immedjatament qabel il-mewt tiegħu. L-esponent jgħid li din l-aħħar rinunzja ma kinitx tiswa għax Carmelo Grech ma setax jirrinunzja darbtejn għall-qbiela fuq l-istess għalqa.

Madankollu, kompla l-esponent, il-Kurja Arċiveskovili għarrfet it-tieni rinunzja, dik favur il-konvenuti aħwa Camilleri, flok dik favur l-esponent. L-attur għalhekk talab illi l-Qorti tgħid li r-rinunzja magħmula minn Carmelo Grech favur il-konvenuti aħwa Camilleri ma tiswiex, tgħid li għalhekk il-konvenuti aħwa Camilleri, ma għandhomx titolu ta' qbiela fuq l-għalqa, u tgħid li l-ewwel rinunzja, dik magħmula minn Carmelo Grech favur l-attur, għadha tiswa u għalhekk l-attur għandu titolu ta' qbiela fuq l-għalqa;

Il-Kurja Arċiveskovili eċċepiet illi t-talbiet ta' l-attur ma jistgħux jintlaqgħu għax, wara li kien talab li jdawwar il-qbiela fuq l-esponent, Carmelo Grech kien reġa' bdielu, kien irrinunzja għall-kirja u lill-attur ma ttrasferielu xejn. Il-Kurja mbagħad kriet l-għalqa lill-konvenuti aħwa Camilleri fil-25 ta' Jannar, 1993; illi l-*Joint Office* eċċepixxa li ma kien aċċetta ebda rinunzja ta' qbiela iżda ħa f'idu proprjetà tal-Kurja Arċiveskovili fi stat li għaddiet lill-Gvern meta l-*Gvern* ħa din il-proprjetà. Għalhekk il-*Joint Office* joqgħod fuq il-ġudizzju tal-Qorti iżda ma għandux ibati spejjeż;

Il-konvenuti, aħwa Camilleri, eċċepew li *qabel xejn* l-esponent ma għandux kapaċità li jaġixxi in ġudizzju mingħajr martu li għandha sehem fil-komunjoni ta' l-akkwisti; illi l-ġudizzju mhux integru għax in-nisa tal-konvenuti aħwa Camilleri, li għandhom sehem fil-komunjoni ta' l-akkwisti, mhumiex fil-kawża, u għalhekk, il-konvenuti għandhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju; illi l-esponent ma għandux interess ġuridiku li jressaq din il-kawża; illi ċ-ċitazzjoni hija nulla għax l-esponent kien messu qabel xejn, talab li l-Qorti tgħid li l-ftehim bejn l-eċċipjenti u l-amministratur tal-beni ekklesjastiċi huwa null u bla effett; illi, fil-meritu u bla ħsara għall-eċċezzjonijiet l-oħra, it-talbiet ta' l-esponent ma jistgħux jintlaqgħu għax il-Kurja ma għarrfitx lill-esponent bħala kerrej, jew tatu l-għalqa bi qbiela, u għalhekk ma għandux titolu fuqha;

illi l-esponenti qegħdin iżommu l-għalqa b'titolu validu ta' qbiela li ngħatalhom bi ftehim wara li Carmelo Grech kien irrinunzja għall-kiri, u illi r-rinunzja ta' Carmelo Grech kienet intlaqgħet mill-Kurja, u kienet tiswa, u wara sar ftehim ma' l-eċċipjenti; illi waqt is-seduta tad-19 ta' April, 1995, il-konvenuti aħwa Camilleri irrinunzjaw għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tagħhom - dawk li kienu jgħidu li n-nisa ta' l-esponent u ta' l-istess konvenuti kellhom ikunu parti fil-kawża;

B'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' April, 1996, il-Qorti, filwaqt li ċaħdet it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet ta' Camilleri, ċaħdet it-talbiet kollha ta' l-esponent bl-ispejjeż tal-kawża apporzjonati bejn l-esponent u l-konvenuti Camilleri;

*L-attur ħass ruħu aggravat minn din* is-sentenza u *interpona appell fuq l-aggravju segwenti:*

Illi l-Ewwel Qorti għamlet evalwazzjoni erronea tal-fatti u kwindi, bilfors kellha tasal għall-konklużjoni żbaljata. L-Ewwel Qorti rriferiet għall-iskrittura tat-22 ta' Novembru, 1989 bħala wieħed li kien jikkonċerna biss lill-Kurja u Carmelo Grech. Il-Qorti fehmet li Grech kien irrinunzja għal kull dritt ta' gabillott li kellu fuq l-għalqa u kwindi l-Kurja kellha l-libertà li tikri lil min trid. Il-Qorti osservat li b'din l-iskrittura l-kiri favur Carmelo Grech intemm u ma għadda ebda jedd b'ċessjoni minn Grech lill-esponenti;

Illi l-Qorti naqset li tagħti l-konsiderazzjoni neċessarja lin-nota fl-imsemmija skrittura li tgħid li "dan ir-raba' huwa mitlub li jdur fuq Em. Briffa, u ċjoè fuq l-esponent". Mill-apprezzament tal-provi jidher ċar li r-rinunzja li għamel Carmelo Grech saret proprju sabiex il-Kurja tirrikonoxxi u ddawwar il-qbiela għal fuq l-esponent. Fil-fatt jirriżulta ampjament mill-provi ta' l-esponent, kif ukoll senjatament mill-

provi tar-rappreżentant tal-Kurja, li din ir-rinunzja saret f'karozza barra l-Kurja Arċiveskovili fil-presenza ta' l-esponent. L-intenzjoni tal-partijiet kienet proprju li l-qbiela ddur fuq Emanuel Briffa u fil-fatt ir-rappreżentant tal-Kurja stqarr fix-xhieda tiegħu li sa dak il-mument li saret ir-rinunzja l-qbiela kellha ddur fuq Emanuel Briffa;

*Illi l-iskrittura tat-22 ta' Novembru, ma kinitx biss* skrittura ta' rinunzja bejn Grech u l-Kurja iżda kienet obbligazzjoni kuntrattwali bejn Grech u l-Kurja sabiex il-qbiela *tinqaleb fuq Emanuel Briffa;*

Illi l-Ewwel Qorti osservat li Grech kien għamel talba lis-sid li dan jikri mill-ġdid lill-esponent u li din hija biss talba; "is-sid seta' jew jilqagħha jew ma jilqagħhiex. Ma nġiebet ebda prova li laqagħha". Fl-umli fehma ta' l-esponent dik l-iskrittura ma kinitx tali li tagħti xi diskrezzjoni lill-Kurja li tagħżel tilqax it-talba jew le. Għall-kuntrarju dik l-iskrittura kienet tippostula obbligazzjoni fuq il-Kurja biex tilqa' t-talba biex il-qbiela tinqaleb fuq l-esponent għaliex altrimenti ma kinitx issir ir-rinunzja tal-gabillott Grech mill-bidunett; illi l-Ewwel Qorti injorat għal kollox il-fatt li wara li saret din ir-rinunzja, min-naħa tal-gabillott Grech (u l-Qorti aċċettat li Grech kien irrinunzja għall-qbiela) l-istess Grech sussegwentement ta struzzjonijiet lill-Kurja biex il-qbiela tinqaleb fuq il-konvenut Camilleri. Kien biss wara li ngħataw dawn l-istruzzjonijiet li l-qbiela finalment daret fuq il-konvenuti Camilleri. Wieħed ma jistax ma jinnotax li Grech, wara li saret l-ewwel rinunzja, ma seta' qatt jagħti struzzjonijiet lill-Kurja, x'tagħmel bil-qbiela jew lil min taqlibha!". Meta Grech, fuq pressjoni tal-konvenuti Camilleri, ta struzzjonijiet lill-Kurja biex taqleb il-qbiela fuq il-konvenuti Camilleri, dan Grech għamlu meta ma kien fadallu ebda titolu validu skond il-liġi fuq l-għalqa in kwistjoni. Fil-fatt l-Ewwel Qorti stess sostniet li "jekk kerrej jirrinunzja għall-kirja dik il-kirja ma tibqax teżisti, appuntu għax il-kerrej ikun

irrinunzja għaliha". Kwindi l-esponent ma jistax jifhem kif il-Qorti ma kkummentat xejn dwar l-aġir ta' Grech li ta struzzjonijiet lill-Kurja biex il-qbiela tinqaleb fuq il-konvenuti Camilleri meta r-relazzjoni tiegħu mal-Kurja kienet spiċċat proprju bir-rinunzja tiegħu stess. Mix-xhieda tar-rappreżentant tal-Kurja jihder ċar li, li ma kienx l-intervent ta' Grech, il-qbiela kienet ser *iddur fuq l-esponent Briffa - u dan għaliex il-Kurja* mhux talli kienet obbligata bl-imsemmija skrittura li tagħmel proprju hekk talli kienet ukoll tħoss li kienet hekk obbligata;

Illi l-obbligazzjonijiet għandhom *jiġu imwettqa* in bona fede fl-ispirtu tad-dispost ta' l-artikolu 933 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant l-attur talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' April, 1996 fl-ismijiet premessi *billi tikkonfermaha* billi *fejn* ċaħdet it-talbiet kollha ta' l-esponent u minflok tiddeċidi billi tilqa' t-talbiet kollha ta' l-esponent bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

L-appellat Direttur tal-*Joint Office* wieġeb:

Illi l-garanti offert mhux idoneu u qiegħed jiġi respint;

Illi l-vertenza tirrigwarda ż-żmien meta l-proprjetà in kwistjoni kienet tal-Kurja Arċiveskovili u l-esponent *għalhekk* qatt ma kien involut fil-kwistjonijiet li qiegħed iqajjem l-attur u għaldaqstant huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' dina l-Qorti, salv li jissottometti li huwa m'għandux ibati *spejjeż;*

L-appellat konvenut Aquilina wieġeb illi:

Is-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma;

Il-fatti li rriżultaw mill-miktub huma dawn:

Fit-22 ta' Novembru, *1989, Carmelo Grech* mhux ċeda il-qbiela li kellu ta' l-għalqa *de quo* iżda rrinunzja għaliha b'mod li ttermina r-relazzjoni tiegħu ma' l-art favur is-sid. Hu veru li *in calce* hemm *żewġ noti bene - waħda tgħid li ġie mitlub li l-*qbiela iddur fuq l-attur odjern u l-oħra, iddatata 15 ta' Diċembru, 1989, li Carmelo Grech "reġa' bdielu li jittrasferixxi *favur Em. Briffa". Dawn in-notamenti, iżda, ma setax kellhom* effett legali billi meta, fit-22 ta' Novembru, 1989, Carmelo Grech irrinunzja għall-qbiela, hu ma kien baqgħalu ebda dritt *jiddetta x'kellu jsir mill-għalqa!*

Fit-12 ta' Diċembru, 1992, l-istess Carmelo Grech reġa' mill-ġdid irrinunzja għall-qbiela, din id-darba mingħajr ebda "nota bene";

Fil-25 ta' Jannar, 1993, l-għalqa nkriet lil Paul u Joe Camilleri, b'effett mis-16 ta' Awissu, 1991;

Kif jidher, kuntrarjament għal dak sottomess fir-rikors ta' l-appell, il-Kurja, bejn it-22 ta' Novembru 1989 u t-12 ta' Diċembru, 1992, qatt ma assumiet ebda "obbligazzjoni kuntrattwali" li taqleb il-qbiela fuq Emanuel Briffa u l-istess Carmelo Grech, wara t-22 ta' Novembru, 1989, qatt ma kien f'qagħda li jagħti ebda struzzjonijiet lill-Kurja kif din kellha tiddisponi mill-għalqa;

Hu veru li d-deposizzjoni li ta fil-kawża Dun Anton Abela mhix xi "paragon" ta' loġika u kjarezza - anzi. Però, ġie kostantement ritenut minn dawn il-Qrati li ebda kliem żejjed ma jistgħu iċaqalqu dak li jirriżulta mill-kitba - *contra scriptum*

*testimonium non scriptum non fertur*! Id-dokumenti hawn annessi jitkellmu waħedhom mingħajr il-bżonn ta' ebda interpretazzjoni mġebbda;

Jekk - kif qal Dun Anton - bejn it-22 ta' Novembru, 1989 u t-12 ta' Diċembru, 1992, hu baqa' jaċċetta *l-ħlas tal-qbiela* mingħand Carmelo Grech, dak kien aġir ħażin u abbużiv għax Grech, kien ingħad, kien ħasel idejh mill-għalqa fit-22 ta' Novembru, 1989. Hu minn għawl id-dinja li aġir abbużiv ma jikkreax drittijiet li wieħed jista' jippretendi r-rikonoxximent tagħhom mill-Qorti;

Għal dawn ir-raġunijiet l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellant;

L-appellati Camilleri wieġbu:

Illi s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' April, 1996, fil-kawża fl-ismijiet premessi hija ġusta u timmerita konferma minn dina l-Onorabbli Qorti;

u dan għar-raġunijiet segwenti:

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet *apprezzament ġust u* korrett tal-fatti tal-każ u waslet għall-konklużjoni ġusta;

Illi l-fatti tal-każ joħorġu fil-parti l-kbira tagħhom mid-dokumenti li ġew esebiti fil-kawża. Id-dokumenti jixhdu biċ-ċar il-fatti importanti tal-kawża;

Carmelo Grech bi skrittura minnu ffirmata fit-22 ta'

Novembru, 1989 kien irrinunzja b'effett mill-11 ta' Novembru, 1989 il-qbiela li kellu fuq l-għalqa in kwistjoni (ara dok. A annessa man-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Joseph Aquilina *nomine*). Din ir-rinunzja saret favur is-sid. Għakemm jidher li fil-parti t'isfel ta' l-iskrittura, taħt il-firem, saret nota li tgħid *"Dan ir-raba' mitlub li jdur fuq Em. Briffa li joqgħod ..."* din kienet biss talba u b'ebda mod ma jfisser li s-sid obbliga ruħu li jdawwar jew jikri l-għalqa lil Em. Briffa. Il-Kurja, bħala sid, ma daħlet f'ebda relazzjoni kuntrattwali ma ħadd;

Min-nota oħra fuq l-istess skrittura jidher li fil-15 ta' Diċembru, 1989 Carmelo Grech talab lil Monsinjur Abela "biex iwaqqaf kollox għaliex reġa' bdielu li jittrasferixxi favur Em. Briffa. Din biss tista' tfisser li Carmelo Grech ma xtaqx li r-*raba' jiġi mqabbel lil Briffa*;

Bi skrittura oħra tat-12 ta' Diċembru, 1992, Carmelo Grech reġa' rreġistra rinunzja oħra tal-qbiela fuq l-istess għalqa favur is-sid - is-sid reġa' m'assuma ebda obbligazzjoni favur terzi;

Bi skrittura tal-25 ta' Jannar, 1992, is-sid ta' l-għalqa bi qbiela lill-konvenuti appellati Pawlu u Joe aħwa Camilleri u dana versu l-qbiela u bil-pattijiet u kundizzjonijiet l-oħra kollha riżultanti mill-istess skrittura (li kopja tagħha dokument B man-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Joseph Aquilina *nomine*);

Illi Carmelo Grech kien irrinunzja għall-qbiela li kellu u mhux ċediha favur ħaddieħor;

Mar-rinunzja l-għalqa reġgħet għaddiet lis-sid mhux aktar mxekkla bil-bidwi. Tali rinunzja timporta stat ta' fatt - u ċjoè li dak li jkun (f'dan il-każ Carmelo Grech), ma jkollu x'jaqsam xejn aktar ma' l-għalqa u ma jkollux aktar dritt fuqha. Li wieħed

jesprimi x-xewqa jew jitlob li sid jikri mill-ġdid ir-raba' lil terza persuna ma hemm xejn ħażin - iżda din tkun sempliċi turija ta' xewqa li s-sid mhux obbligat li jattwa;

Kif tajjeb osservat l-Ewwel Onorabbli Qorti jekk kerrej jirrinunzja għall-kirja, dik il-kirja ma tibqax teżisti, appuntu għax il-kerrej ikun irrinunzja għaliha ...il-benefiċjarju tar-rinunzja jista' jkun biss is-sid ..." Għalhekk l-attur appellant ma jistax jgħid li sar kerrej ta' l-għalqa għax saret rinunzja favur tiegħu. Mhux minnu għalhekk li Carmelo Grech kien irrinunzja għall-qbiela favur l-attur appellant kif jippretendi l-istess attur. Tajjeb ukoll li wieħed issemmi dak li osservat l-Ewwel Onorabbli Qorti li ma għadda ebda jedd b'ċessjoni minn Grech lill-attur. Il-kerrej Carmelo Grech irrinunzja għal kull dritt ta' gabillott u ma ċeda ebda dritt ta' kerrej lill-attur appellant;

Illi t-talba li għamel Grech kienet biss talba billi huwa mar-rinunzja ma setax jimponi fuq is-sid x'isir mill-għalqa u għalhekk is-sid kien liberu li jew jilqa' t-talba jew li ma jilqagħhiex. Is-sid fil-fatt għażel li ma jilqagħhiex u għadda biex qabbel l-għalqa lill-konvenuti Pawlu u Joe, aħwa Camilleri, li kienu ilhom snin jaħdmuha;

Illi billi Carmelo Grech jidher li ħallas xi qbiela lis-sid wara din ir-rinunzja, saret rinunzja oħra minnu favur is-sid u wara s-sid qabbel l-għalqa lill-konvenuti aħwa Camilleri kif imsemmi;

Illi l-attur fl-ebda mument ma kellu l-qbiela ta' l-għalqa in kwistjoni u s-sid, wara r-rinunzja ta' Carmelo Grech, kien liberu li jerġa' jqabbel l-għalqa lil min ried hu. Għalhekk, ir-rinunzja kienet waħda valida kif hi valida l-iskrittura ta' qbiela tal-25 ta' Jannar, 1992, favur il-konvenuti appellati Camilleri li għandhom titolu validu fuq l-għalqa;

Għal dawn ir-raġunijiet l-appellati Camilleri jissottomettu li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell ta' l-attur appellant u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjż ta' l-ewwel istanza kif ġà deċiżi mill-Ewwel Qorti u dawk ta' dan l-appell kontra l-attur appellant";

Wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell, il-Qorti sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha;

Dwar il-fatti fil-qosor, għaliex dawn ġew imqegħdin tajjeb u b'mod eżawrjenti fis-sentenza appellata, jirriżulta li l-Kurja Arċiveskovili, ko-appellata konvenuta fil-kawża in eżami, kienet tikri għalqa ġewwa *tal-Ħmieri* jew *tal-Ħrieri*, limiti ta' Ħaż Żebbuġ (in segwitu din il-proprjetà bdiet tiġi amministrata mill-*Joint Office*) lil ċertu Carmelo Grech, gabillott, illum mejjet. Jirriżulta - hekk ara dok. A a fol. 14 tal-proċess - li dan Grech iffirma skrittura ta' rinunzja tal-qbiela in kwistjoni. Fuq din l-istess skrittura ta' rinunzja hemm ukoll imniżżlin żewġ notamenti magħmulin mill-amministratur tal-Kurja. L-ewwel notament kien juri li l-gabillott kien talab biex il-qbiela ddur favur Emanuel Briffa, attur appellant, filwaqt li l-intimat l-ieħor b'data ulterjuri kien jgħid li l-istess Grech kien reġa' bdielu. Effettivament, jirriżulta ukoll li l-Kurja, minflok ma laqgħet u esegwiet it-talba ta' l-ex-gabillott Grech, spiċċat biex finalment kriet l-istess għalqa lill-appellati konvenuti Pawlu u Joe, aħwa Camilleri;

L-attur appellant isostni li, bil-maqlub ta' dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti, l-iskrittura surreferita ma kinitx biss rinunzja u daqshekk, imma kienet invece tikkrea ukoll - għax hekk kienet tippostula - għal "obbligazzjoni fuq il-Kurja biex tilqa' t-talba biex il-qbiela tinqaleb fuq l-esponent (l-appellant) għaliex altrimenti ma kinitx issir ir-rinunzja tal-gabillott Grech mill-

bidunett ...";

Din il-Qorti eżaminat il-provi kollha prodotti u mhijiex tal-fehma li dak kollu li ġie sottomess mill-appellant huwa legalment fondat. Jirriżulta kjarament li bl-iskrittura surreferita (dok. A) il-gabillott Grech irrinunzja u mhux ċeda l-kera lil terz bil-kunsens tas-sid. L-iskrittura *de quo* kienet għalhekk tammonta biss għal rinunzja u xejn aktar. *Huwa minnu li l-*gabillott esprima x-xewqa li l-qbiela ddur favur l-appellant u li din it-talba tniżżlet bil-miktub f'forma ta' notament iżda ma jirriżulta minn imkien li qatt kien hemm xi rikonoxximent formali da parti tas-sid. Anzi mill-provi prodotti jirriżulta li minkejja r-rinunzja l-Kurja baqgħet tirċievi l-qbiela mingħand Grech (!) u li t-talba ta' l-istess Grech ma ġiet attwata qatt. Jidher invece li b'notament ulterjuri mniżżel fl-imsemmija skrittura ġie rreġistrat li Grech kien biddel fehmtu dwar li l-għalqa ddur a favur ta' l-appellant. F'kull każ però minn punto di vista legali jibqa' l-fatt li l-Kurja qatt ma rrikonoxxiet lill-appellant bħala l-gabillott il-ġdid minflok Grech. Huwa minnu li l-appellant ressaq provi biex juri li tabilħaqq huwa kien ingħata x'jifhem li eventwalment it-talba ta' Grech a favur tiegħu kienet ser tiġi kkunsidrata favorevolment mill-awtoritajiet tal-Kurja iżda fl-aħħar mil-aħħar dan baqa' ma seħħx. L-appellant kien edott mill-fatt li kien għad jonqos stadju ieħor - dak jiġifieri li hu jiġi formalment aċċettat bħala l-kerrej, flok Grech. L-appellant xehed (fol. 35) li:

"Il-Monsinjur (Dun Anton Abela) qalli li kollox sew, li l-qbiela kien ser tinqaleb fuqi, biss sakemm jitlestew il-proċeduri kellu jgħaddi ftit taż-żmien u kelli nistenna";

L-appellant Briffa xehed li hu ħallas "rigal" lill-gabillott però qbiela qatt ma ħallas;

Huwa minnu li x-xhieda ta' Dun Anton Abela kienet *fjakka ħafna iżda huwa xehed li t-trasferiment tar-raba' baqa'* ma sarx (fol. 48) favur l-appellant. Eventwalment il-ftehim - darba li r-rinunzja ġiet aċċettata mill-Kurja - saret bejn il-Kurja u l-appellati aħwa Camilleri. Xejn ma kienet flokha l-aspettattiva mogħtija mill-awtoritajiet tal-Kurja lill-appellant Briffa biex imbagħad dina titwarrab u flokha jiġi ssiġġilat ftehim ma' ħaddieħor. Jibqa' l-fatt però li vinkolu legali ma' Briffa ma kienx hemm. Ingħata x'jifhem li l-qbiela kienet ser iddur fuqu purchè jkun hemm aċċettazzjoni u trasferiment formali mill-Kurja - ħaġa li ma ġratx u għalhekk kif ġustament irriteniet l-Ewwel Qorti:

"Mela l-attur (i.e. l-appellant) qatt ma kellu l-għalqa mqabbla lilu; ma għandu ebda titolu ta' qbiela, u t-talbiet tiegħu għalhekk ma jistgħux jintlaqgħu";

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija fil-kawża fl-ismijiet premessi mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' April, 1996, tiċħad l-appell ta' l-attur appellant b'dan li l-ispejjeż ġudizzjarji kwantu għall-ewwel istanza jibqgħu nvarjati u dawk relattivi għal dan l-appell jiġu ssopportati unikament u nterament mill-appellant.